BDL FUN GAMES

# MÁLTOPJA

• FIT-TOROQ EWLENIN TAL-GŻEJJER MALTIN •




2-6 | ETÀ 7+

## IL-LOGĦBA

Inti u l-plejers l-oħra qegħdin f'tellieqa waqt li dduru dawra mal-gżejjer Maltin u tlestu l-MIRI U TIRI tagħkom qabel xulxin. Agħżel il-mezz tat-trasport li jaqbillek—ir-rota, il-mutur, il-karozza, jew it-trasport pubbliku. Int tiddeċiedi liema vettura tista' tgħinek fl-istrateġija tiegħek biex tasal aktar malajr fid-destinazzjonijiet assenjati lilek f'Malta u Għawdex biex tikseb l-akbar numru ta' punti. Xogħlijiet fit-toroq, ħofor, speed cameras, gwardjani lokali, u l-bqija kollha jistgħu jaffettwaw il-missjoni tiegħek. Ħu deċiżjonijiet strateġiċi jekk fi triqtek għandekx tieqaf fil-bliet u l-irħula fejn jaf ikun hemm xi avvenimenti speċjali li jistgħu jippremjawk b'aktar punti, imma jistgħu jtellfuk il-ħin ukoll.

## L-OBJETTIV TAL-LOGĦBA

Wara 15-il rawnd, il-plejer li jikseb l-akbar numru ta' punti jirbaħ.

## IL-BORD

Fuq il-bord insibu diversi bliet u rħula maqsumin f'reġjuni mmarkati b'kuluri differenti. Kemmuna tagħmel parti mir-reġjun t'Għawdex.

Kontra xi logħbiet tradizzjonali, Maltopja m'għandhiex post speċifiku minn fejn tibda jew tispiċċa. Il-plejer jibda minn belt jew raħal tal-għażla tiegħu fir-reġjun li jkun assenjat lilu wara li jiġbor il-pedina tar-reġjuni kif spjegat aktar 'il quddiem. Matul il-perkors tal-logħba, il-plejer irid iġib l-akbar numru ta' punti billi jmur fil-bliet u l-irħula mniżżla fil-kard tal-MIRI U TIRI, jieqaf fuq bliet u rħula oħra jew iżur l-avvenimenti speċjali mifruxa fuq il-bord. Biex jagħmel dan, il-plejer irid jivvjaġġa minn raħal għal ieħor bil-mezz tat-trasport li jagħżel billi jgħaddi mit-toroq, il-bus lanes u l-mogħdijiet tar-roti, jużа t-traġitti bil-baħar jew saħansitra bl-ajru mill-helipads.




BELT JEW RAĦAL PRINĊIPALI




RAĦAL SEKONDARJU




BELT JEW RAĦAL B'AĊĊESS GĦALL-BAĦAR




ROUNDABOUT U HELIPAD



TRIQ



TRIQ BIL-BUS LANE



MOGĦDIJA TAR-ROTI



TRAĠITT BIL-BAĦAR




IT-TABELLA TAR-RAWNDS

## QABEL TIBDA

1. Iftaħ il-bord fuq mejda u rmaxka l-pakketti tal-kards.

2. Poġġi l-pedina tal-markatur tar-rawnds fuq il-bord fuq in-numru wieħed fit-tabella tar-rawnds.



il-markatur tar-rawnds

3. Kull plejer jieħu kard tal-MIRI U TIRI u jżommha mistura quddiemu.
Din il-kard turik id-destinazzjonijiet li trid iżżur waqt il-logħba.




4. Poġġi l-pedini tar-reġjuni wiċċhom 'l isfel fuq il-mejda u ħawwadhom. Kull plejer jieħu pedina tar-reġjuni. Il-kuluri ta' fuq il-pedini tar-reġjuni jaqblu mal-kuluri tar-reġjuni fuq il-bord. Il-pedini jindikaw minn liema reġjun il-plejers jibdew jilagħbu l-logħba.



il-pedini tar-reġjuni

5. Il-plejer li jkun ġabar l-akbar numru tal-pedina tar-reġjuni jibda, u jkompli dak li jkun fuq ix-xellug tiegħu. Issa li l-plejers jafu minn liema reġjun se jibdew u liema huma t-tliet destinazzjonijiet imniżżla fil-kard tal-MIRI U TIRI, iridu jagħżlu b'mod strateġiku b'liema mezz tat-trasport se jilagħbu. Ara s-sezzjoni: IL-MEZZI TAT-TRASPORT biex tkun taf aktar. Wieħed wara l-ieħor, il-plejers jagħżlu l-vettura li jridu jilagħbu biha u jpoġġuha fuq belt jew raħal fir-reġjun li se jibdew minnu. Il-plejers ma jistgħux jibdew minn fuq belt jew raħal li jkun imniżżel fil-kard tal-MIRI U TIRI, iżda jistgħu jibdew minn belt jew raħal maġenbu fl-istess reġjun.

6. Kull plejer għandu jpoġġi quddiemu l-kard bir-regoli tat-trasport li tikkorrispondi mal-vettura li jkun għażel.

## KIF TILGĦAB

- Il-plejers iridu jġibu l-akbar numru ta' punti fi 15-il rawnd.
- Il-plejers imexxu l-passi skont il-mezz tat-trasport li jkunu għażlu. Ara s-sezzjoni: IL-MEZZI TAT-TRASPORT biex tkun taf aktar.
- Il-plejers iridu jmorru fit-tliet destinazzjonijiet imniżżla fuq il-kard tal-MIRI U TIRI. Meta plejer jieqaf fuq waħda mit-tliet destinazzjonijiet tal-MIRI U TIRI, il-plejer jieħu pedina ta' 70 punt u ma jiħux kard oħra mill-mazz tal-BLIET U RĦULA.
- Fi triqithom, il-plejers jistgħu jieqfu fuq bliet u rħula oħra biex jakkwistaw aktar punti. Meta plejer jgħaddi minn fuq belt jew raħal, jista' jieqaf fuqu, jieħu kard mill-mazz tal-BLIET U RĦULA,

u jsegwi l-istruzzjonijiet tal-kard. Ara s-sezzjoni: IL-BLIET U RĦULA biex tkun taf aktar.

- Jekk plejer jgħaddi minn fuq roundabout, il-plejer għandu jieqaf, jieħu kard mill-mazz tal-ĠAMM TAT-TRAFFIKU, u jsegwi l-istruzzjonijiet tal-kard. Ara s-sezzjoni: IL-ĠAMM TAT-TRAFFIKU biex tkun taf aktar.




- Jekk plejer ilesti l-MIRI U TIRI qabel il-15-il rawnd, jista' jkompli jżur il-bliet u l-irħula biex jakkwista aktar punti.
- Wara kull rawnd mexxu l-markatur tar-rawnds.

## KIF TIRBAĦ

Il-logħba tispiċċa wara 15-il rawnd. Il-plejers kollha jgħoddu l-punti tal-pedini ta' 70 punt tal-MIRI U TIRI u l-punti tal-kards tal-BLIET U RĦULA, u jnaqqsu l-punti tal-kards tal-ĠAMM TAT-TRAFFIKU. Żidu l-punti tal-kards tal-AVVENIMENTI SPEĊJALI u naqqsu l-punti tal-avviżi ta' KONTRAVVENZJONI tal-gwardjani lokali, jekk qed tużawhom. Il-plejer bl-akbar numru ta' punti jirbaħ.

## KIF TIMXI FUQ IL-BORD

Kull belt jew raħal, roundabout, maduma tat-triq jew tal-bus lane, il-mogħdija tar-rota u l-helipad jgħoddu bħala pass wieħed.




Kull waħda minn dawn tirrappreżenta pass wieħed.

Meta plejer jibda jmexxi l-mezz tat-trasport tiegħu, irid jibqa' għaddej fl-istess direzzjoni. Fir-rawnd ta' wara jista' jiddeċiedi li jmur lura minn fejn ġie.

## IL-MEZZI TAT-TRASPORT

Fil-kaxxa hemm tnejn minn kull mezz tat-trasport. Dawn għandhom jitpoġġew fl-istands provduti.



Għalkemm in-numru ta' passi tal-mezzi tat-trasport huwa differenti, kull wieħed għandu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu, kemm fl-użu tal-bus lanes jew il-mogħdijiet tar-roti kif ukoll fil-mazz tal-kards tal-**ĠAMM TAT-TRAFFIKU**. Ara s-sezzjoni: **IL-ĠAMM TAT-TRAFFIKU** biex tkun taf aktar.

Kull mezz tat-trasport jista' jimxi numru speċifiku ta' passi u jagħmel użu mill-bus lanes jew mogħdijiet tar-roti kif ġej:

| Mezz tat-trasport | Passi | Bus lane | Mogħdija |
|---|---|---|---|
| karozza | 5 passi | | |
| mutur | 4 passi | ✓ | |
| tal-linja | 4 passi | ✓ | |
| rota | 3 passi | ✓ | ✓ |

Il-plejer mhux bilfors imexxi l-passi kollha tal-mezz tat-trasport tiegħu. Jista' jagħżel li jimxi inqas passi biex jieqaf fuq xi belt jew raħal u jiġbor kard mill-mazz tal-**BLIET U RĦULA** biex jipprova jakkwista aktar punti. L-għażla f'idejn il-plejer.

## BUS LANES

Il-mutur, tal-linja u r-rota biss jistgħu jagħmlu użu mill-bus lanes. Kull maduma tal-bus lane tgħodd bħala pass wieħed.



## MOGĦDIJIET TAR-ROTI

Ir-rota biss tista' tagħmel użu mill-mogħdijiet. Kull mogħdija tar-roti tgħodd bħala pass wieħed.

## TRAĠITTI BIL-BAĦAR



Il-mezzi kollha tat-trasport jistgħu jivvjaġġaw bil-baħar. Meta plejer jasal f'xi lokalità minn fejn ikun se jaqbad xi lanċa, irid jieqaf. Meta jerġa' jmissu jilgħab, jibda jgħodd il-passi mir-raħal tan-naħa l-oħra tat-traġitt.

## IL-ĦELIKOPTER

Il-mezzi kollha tat-trasport jistgħu jagħmlu użu mill-ħelikopter biex jaqsmu bejn Malta u Għawdex. Biex plejer juża dan is-servizz irid jieqaf fuq wieħed miż-żewġ helipads. Meta jerġa' jmissu jilgħab, jibda jgħodd il-passi mill-helipad l-ieħor.

## IL-MIRI U TIRI

Qabel tibda l-logħba, kull plejer jieħu kard mill-mazz tal-kards tal-**MIRI U TIRI**. Żomm din il-kard mgħottija! Kull kard tinkludi tliet miri u tiri u tibgħat lill-plejer fi tliet destinazzjonijiet differenti.



Kull darba li plejer jasal fuq waħda mid-destinazzjonijiet tal-**MIRI U TIRI**, jieħu pedina ta' 70 punt u ma jiħux kard oħra mill-mazz tal-**BLIET U RĦULA**.

## IL-BLIET U RĦULA

Meta plejer jgħaddi minn fuq belt jew raħal jista' jieqaf mill-passi tiegħu u jieħu kard mill-mazz tal-**BLIET U RĦULA** jew ikompli miexi bil-passi tiegħu bla ma jieħu kard.




Jekk plejer jiddeċiedi li jieqaf fuq belt jew raħal, il-passi li jkun baqagħlu jitlifhom, jieħu kard tal-**BLIET U RĦULA** u jsegwi l-istruzzjonijiet ta' fuqha.

Jekk kard ikollha punti abbinati magħha, għandha tinżamm mill-plejer. Jekk m'għandhiex punti, il-kard titpoġġa lura fil-qiegħ tal-mazz sakemm l-istruzzjonijiet ta' fuqha ma jitolbux mod ieħor.

## IL-ĠAMM TAT-TRAFFIKU

Meta plejer jgħaddi minn fuq roundabout għandu jieqaf u jieħu kard mill-mazz tal-**ĠAMM TAT-TRAFFIKU** u jsegwi l-istruzzjonijiet ta' fuq il-kard. Dawn l-istruzzjonijiet japplikaw biss jekk is-simbolu tal-mezz tat-trasport tal-plejer ikun mixgħul fuq din il-kard. Jekk il-mezz tat-trasport tal-plejer ma jkunx mixgħul, il-kard titpoġġa lura fil-qiegħ tal-mazz u l-plejer ikompli jmexxi l-passi tiegħu jekk ikun baqagħlu.




F'dan il-każ, din il-kard ma tapplikax għar-rota.

Sakemm il-kard ma titlobx lill-plejer biex jieqaf, il-plejer jista' jkompli fi triqtu bil-passi li jkun baqagħlu. Jekk kard ikollha punti abbinati magħha, din għandha tinżamm mill-plejer. Jekk m'għandhiex punti, il-kard titpoġġa lura fil-qiegħ tal-mazz sakemm l-istruzzjonijiet ta' fuqha ma jitolbux mod ieħor.

## IL-KONTENUT

il-bord
pedina tal-markatur tar-rawnds
50 kard tal-**ĠAMM TAT-TRAFFIKU**
50 kard tal-**BLIET U RĦULA**
40 **AVVIŻ TA' KONTRAVVENZJONI**
20 kard tal-**MIRI U TIRI**
8 kards bir-**REGOLI TAT-TRASPORT**
6 kards tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI**



18-il pedina bil-punti għall-**MIRI U TIRI**
13-il stand għall-pedini tal-vetturi u l-gwardjani lokali
8 pedini tal-vetturi
6 pedini tar-reġjuni
6 pedini tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI**
5 pedini tal-**GWARDJANI LOKALI**

Għall-vidjow ta' kif tintlagħab il-logħba żur il-paġna
**bdlbooks.com/maltopja**

## ELEMENTI OĦRA FUQ IL-BORD

L-avvenimenti speċjali u l-gwardjani lokali jkomplu jżidu mal-eċitament tal-logħba. L-avvenimenti speċjali joffru opportunitajiet oħra li jippremjaw il-plejer li jmur fuqhom l-ewwel b'punti addizzjonali. Min-naħa l-oħra, bil-gwardjani lokali kull plejer ikollu ċ-ċans jostakola t-toroq minn fejn jaħseb li l-plejers l-oħra se jkollhom bżonn jgħaddu.

### L-AVVENIMENTI SPEĊJALI



Fil-kaxxa hemm 6 pedini u 6 kards korrispondenti tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI**. Qabel tibda l-logħba, il-plejers jistgħu jpoġġu fuq il-bord il-pedini tal-avvenimenti speċjali—waħda f'kull reġjun—fuq kwalunkwe belt jew raħal. Fil-bidu tal-logħba, il-plejers ma jistgħux jibdew minn fuq belt jew raħal fejn ikun hemm pedina tal-avvenimenti speċjali.

Meta plejer jiġi fuq avveniment speċjali, il-plejer għandu jsib u jżomm il-kard korrispondenti ta' dak l-avveniment u l-pedina għandha titneħħa minn fuq il-bord. Kull kard tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI** tinkludi logħba żgħira li tista' tippremjak b'aktar vantaġġi. Il-plejer ma jistax jiġbor kards oħra mill-mazz tal-**BLIET U RĦULA** meta jieħu l-kard tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI**.

Plejer li jasal f'belt jew raħal biex ilesti waħda mill-**MIRI U TIRI** fejn ikun hemm avveniment

speċjali ma jistax jieħu l-kard tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI** u l-pedina tibqa' fuq il-bord. Meta jerġa' jmissu jilgħab, il-plejer ma jistax jieħu l-kard tal-**AVVENIMENTI SPEĊJALI** tal-lokalità minn fejn se jitlaq.




## IL-GWARDJANI LOKALI

Jekk se tilagħbu bil-gwardjani lokali, poġġuhom fuq il-bord qabel ma tieħdu l-kard tal-**MIRI U TIRI**. Ma' kull gwardjan lokali li tiltaqgħu, taqalgħu ċitazzjoni!



Poġġu l-gwardjani lokali fl-istands provduti. In-numru ta' gwardjani lokali fuq il-bord jiddependi min-numru ta' plejers li qed jilagħbu, b'massimu ta' 5 gwardjani lokali, li wieħed minnhom irid ikun Għawdex. Il-gwardjani lokali għandhom jitpoġġew f'reġjuni differenti.

2 plejers
 2 gwardjani lokali f'Malta u ieħor f'Għawdex

3 plejers
 3 gwardjani lokali f'Malta u ieħor f'Għawdex

4–6 plejers
 4 gwardjani lokali f'Malta u ieħor f'Għawdex

Il-gwardjani lokali jistgħu jitmexxew fir-reġjuni kollha u jistgħu jispiċċaw aktar minn wieħed f'reġjun partikolari. Madankollu, il-gwardjan lokali ta' Għawdex irid jibqa' f'Għawdex u dawk ta' Malta jridu jibqgħu f'Malta. Il-gwardjani lokali jistgħu jgħaddu minn fuq il-bliet u l-irħula jew minn fuq ir-roundabouts, iżda ma jistgħux jieqfu fuqhom. Iridu jieqfu bilfors fit-toroq. Ma jistax ikun hemm żewġ gwardjani lokali fuq l-istess maduma. Il-gwardjani lokali ma jistgħux jagħmlu użu mill-bus lanes jew mill-mogħdijiet tar-roti.

Plejer jaqla' ċitazzjoni meta jkun imissu jilgħab u jgħaddi minn fuq l-istess kaxxa tal-gwardjan lokali, jew jasal fuq il-kaxxa tiegħu. Jekk fi triqtu jiltaqa' ma' żewġ gwardjani lokali, jaqla' żewġ ċitazzjonijiet.

Kull plejer jista' jmexxi kwalunkwe **wieħed** mill-gwardjani lokali sa massimu ta' 6 passi wara li jilgħab biex itellef lill-plejers l-oħra. Meta plejer imexxi gwardjan lokali u jgħaddi minn ħdejn plejer ieħor jew ipoġġih fuq l-istess maduma, il-plejer ma jaqlax ċitazzjoni.

Plejer li ma jistax jilgħab minħabba xi struzzjonijiet minn xi kard, xorta waħda jista' jmexxi l-gwardjan lokali.

Attent! Jekk il-plejer ta' warajk jibda jilgħab, titlef iċ-ċans li tmexxi gwardjan lokali.